

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 834/2008**tat-22 ta' Awwissu 2008****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1319/2006 dwar ċerti komunikazzjonijiet reċiproki tal-Istati membri u tal-Kummissjoni fis-settur tal-laħam tal-majjal**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 192(2) tiegħu flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1319/2006 tal-Kummissjoni ⁽²⁾ jstabbilixxi l-Ħamis ta' kull ġimgħa bħala l-jum sa liema l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw ċerti kwotazzjonijiet lill-Kummissjoni, fir-rigward tal-ġimgħa preċedenti.
- (2) Sabiex l-informazzjoni tkun aġġornata kemm jista' jkun għall-ġestjoni tas-suq u waqt li jitqiesu l-progressi teknoloġiċi għat-trażmissjoni tal-informazzjoni, tinħass il-ħtieġa li titqassar din l-iskadenza għall-kommunikazzjoni.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 1319/2006 għandu jkun emendat skont dan.

(4) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jadattaw għall-iskadenza l-ġdida għall-kommunikazzjoni, jeħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-1 ta' Settembru 2008.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-kumitat ta' ġestjoni għall-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1319/2006, l-ewwel sentenza għandha tinbidel bit-test li ġej:

“L-Istati membri għandjom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, sa mhux iktar tard mill-Erbgħa f'12:00 (ħin ta' Brussell) ta' kull ġimgħa, fir-rigward tal-ġimgħa preċedenti.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Settembru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Awwissu 2008.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2008 (ĠU L 149, 7.6.2008, p. 61).

⁽²⁾ ĠU L 243, 6.9.2006, p. 3.